**Mons Guzeppi Curmi**

Mons Guzeppi Curmi twieled nhar il-hmistax t'Ottubru 1927. Studja fil-Liceo t' Ghawdex u wara fis-Seminarju. Hu gie ordnat sacerdot nhar is-26 t'April 1953. Mill-ewwel wera li kien sacerdot habrieki u sena wara jigifieri fl-1954 gie mahtur bhala vici-parroku fil-parrocca ta' Santa Margerita f'Sannat fejn dam sakemm il-Munxar inqatghet bhalha parrocca ghaliha fl-1957.

L-isqof Guzeppi Pace sejjahlu bhalha rettur tal-knisja tax-Xlendi fl-1960. Dam rettur ghal 24 sena fejn mhux biss kabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu imma wkoll kabbar il-knisja ghal kif inhi llum.

Mons Curmi kien ukoll kappillan tal-kor tal-Katidral fejn gie maghzul biex ikun ceremonier l-ewwel tal-kapitlu katidrali u wara bhala ceremonier ta' l-isqof. L-isqof Nikol Cauchi sejjahlu biex jiehu hsieb l-istamperija tad-djocesi dakinhar maghrufa bhala l-Orphans Press. Wara xi zmien sejjahlu biex ikun wiehed mill-ufficjali tal-Kurja fejn ghadu sal-llum.

Mons Curmi ghamel xi zmien jiehu hsieb il-Missjoni l-kbira tad-djocesi t'Ghawdex fejn kin jorganizza u jiehu sehem fi predikazzjoni fil-parrocci madwar Ghawdex. Fl-1975 gie mahtur bhala monsinjur kugitur u fl-1982 ha l-pussess bhalha monsinjur effettiv fejn ghadu sal-llum.

Bla dubbju ta' xejn Mons Guzeppi Curmi hu maghruf ghall-hidma tieghu fi hdan il-parrocca tal- Munxar. Fuq bazi djocesana zgur li ser jibqa' mfakkar bhalha wiehed mill-aqwa predikaturi li qatt hargu mid-djocesi taghna.

*Alvin Scicluna* *12 ta' Dicembru 2007.*
*Munxar*